**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, it-Tlieta 8 ta' Gunju 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 12/2017 BS**

**Gioacchino sive Jack u Victoria konjugi Galea u b'digriet datat 28 ta' Mejju 2021 Gioacchino sive Jack Galea accetta l-bandu biex jirraprezenta l-eredita' ta' Vittoria sive Victoria Galea**

**vs**

**Is-Sur Mark Formosa fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur tad-Direttorat għall-Progetti u Zvilupp fi hdan il-Ministeru għal Għawdex**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Gioacchino sive Jack u Victoria konjugi Galea illi ppremettew:**

1. Illi l-esponenti huwa s-sid ta' porzjon art fl-inħawi ta' Triq is-Salini, limiti ta' Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex magħrufa bħala "Tal-Qbajjar" jew "Tax-Xtut" jew "Tal-Għewiena" tal-kejl ta' ċirka ħdax-il elf tlett mija u sitta u tmenin metri kwadri (11,386m.k) konfinanti mit-tramuntana ma' Triq is-Salini, punent ma' beni ta' Emidio Azzopardi u oħrajn u lvant in parti ma' beni tal-eredi ta' Victor Bigeni u in parti ma' beni tal-eredi ta' Emanuel Sultana jew is-suċċessuri tagħhom fit-

titolu u dan skont kif jirriżulta minn kopji tal-kuntratti tal-akkwist hawn annessi u markati bħala Dokumenti A u B rispettivament;

2. Illi d-Direttur tad-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex beda bil-proċess sabiex huwa jirranġa u jasfalta Triq is-Salini min-naħa ta' Triq Santa Marija sa Triq Migel il-Baħar u fil-fatt il-parti l-kbira ta' din it-triq illum tinsab miksija bit-tarmac u bis-servizzi tad-dawl, ilma u drenaġġ mgħoddija. L-intimat wasal bix-xogħlijiet ta' iffurmar, mogħdija ta' servizzi u asfaltar tul parti biss mill-faċċata tal-art propjeta tar-rikorrenti u ma kompliex it-triq għat-tul kollu tal-plot tar-rikorrenti u l-kumplament sa Triq Migel il-Baħar u lil hin biex tingħaqad ma' Triq Santa Marija. In oltre l-istess Direttur intimat naqas wkoll li jneħħi l-ostakoli kollha eżistenti inkluż ħajt tal-kantun li qiegħed jagħlaq it-tarf tat-triq b'mod li Triq is-Salini ma tistax tinfed min naħa għall-ohra u attwalment hija *dead end.* Dan minkejja li skont l-oriġinal planning scheme tal-Uffiċju tal-Public Works tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) turi li Triq is-Salini kellha tkun magħquda ma' Triq Miġel il-Baħar (Dokument C) u tkompli sejra aktar lejn il-punent u l-aħħar biċċa tat-triq tiżbokka direttament fi Triq Santa Marija;

3. Illi minkejja li waqt laqgħa apposta li kienet inżammet fil-Berġa ta' Kastilja fil-preżenza tar-rikorrenti, il-Perit Angelo Portelli għan-nom tad-Direttur Intimat, il-Perit Ray Agius, is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Deborah Schembri, l-Onor Ministru Dr. Anton Refalo u l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Awtorita tal-Ippjanar Johann Buttigieg kien intlahaq ftehim dwar kif kellha titkompla t-triq quddiem il-kumplament tal-propjeta tar-rikorrenti u fuq il-livelli li kellhom isiru biex it-triq tkun tista' tiġi tinfed minn żewġ naħat, għal xi raġuni jew oħra ix-xogħol fi Triq is-Salini ma tkompliex u ma ġiex attwat il-pjan li kien miftiehem hekk kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi għalhekk is-sitwazzjoni attwali hija li l-e*w*wel parti ta' Triq is-Salini ġiet asfaltata u mogħtija t-tarmac u tgħaddew wkoll is-servizzi minnha. Dan ix-xogħol pero ma sarx tul il-faċċata kollha tal-propjeta tar-rikorrenti iżda tul parti biss mill-faċċata tal-proprjeta tagħhom. In oltre l-istess Triq is-Salini minkejja li hija proġettata li tinfed ma' Triq

Miġel il-Baħar b'mod li wieħed ikun jista' jidħol min-naħa tat-triq u joħroġ min-naħa oħra skont kif approvata fil-planning scheme tal-Uffiċju tal-Public Works tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) għadha dead-end. Dan hekk kif jirriżulta mir-ritratt markat bħala Dokument D;

5. Illi dan kollu qiegħed jarreka preġudizzju serju lir-rikorrenti konjugi Galea kemm għaliex il-livelli ta' Triq is-Salini mhumiex iffurmati sew, kemm għaliex ma saritx kanalizzazzjoni tal-ilma u kemm għaliex l-istess parti tat-triq għadha mhix asfaltata b'mod li r-rikorrenti fix-xhur tax-xitwa qegħdin jispiċċaw fl-impossibilita li huma jaċċedu fil-propjeta tagħhom;

6. Illi in oltre l-aġir tad-Direttur intimat qiegħed jarreka wkoll danni lir-rikorrenti fis-sens li huma ma jistgħux jagħmlu użu mill-propjeta tagħhom bħala sidien normali u nefqu u għadhom qegħdin jonfqu ammont sostanzjali ta' flus biex il-propjeta tagħhom tkun aċċessibbli kif wkoll biex ma ssirilhiex ħsara;

7. Illi għal dan in-nuqqas jaħti d-Direttur intimat li naqas li jkompli u jlesti l-intier ta' Triq is-Salini kif sewwa sew kien ġia sar bl-ewwel parti ta' din it-triq;

8. Illi minkejja li l-intimat ġie debitament interpellat b'ittra uffiċjali spedita lilu fil-ħamsa (5) ta' Settembru 2016 ittra uffiċjali numru 422/2016 (Kopja Dokument E) sabiex Triq is-Salini tiġi kompletata, l-intimat baqa' inadempjenti. L-istess rikorrenti kienu żammew fermi fl-istess ittra d-drittijiet tagħhom li huma jfittxu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnhom per kawża tal-aġir tad-Direttur intimat;

**Talbu li din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju prefiss lilu għal tali fini l-konvenut jiġi ordnat sabiex: (a) tinfetaħ Triq is-Salini, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex. Dan billi jitwaqqa' u jitneħħa kull ostakolu eżistenti sabiex Triq is-Salini tingħaqad ma' Triq Miġel

il-Baħar u l-istess Triq is-Salini tkompli sejra aktar lejn il-punent sabiex din tingħaqad ma' Triq Santa Marija b'mod li Triq is-Salini tkun magħquda ma' Triq Miġel il-Bahar u jkollha żewġ aċċessi minn żewġ naħat differenti għal ma' Triq Santa Marija skont kif pjanat oriġinarjament fl-1983 mill-Planning Area Permits Board; (b) jitgħaddew is-servizzi, u tiġi wkoll livellata, asfaltata u miksija bit-tarmac l-kumplament ta' Triq is-Salini, limiti ta' Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex u dan okkorrendo ad opera ta' perit nominat għal tal fini;

ii. Fin-nuqqas li l-intimat jagħmel ix-xogħlijiet hekk kif ordnat, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmlu x-xogħlijiet huma stess bil-ħaddiema tagħhom u dan a spejjez tal-istess Direttur intimat, u dan okkorrendo wkoll ad opera ta' perit nominat għal tal fini;

iii. Tiddikjara li bin-nuqqas tal-konvenut li huwa jkompli tali xogħlijiet fi Triq is-Salini u jiftaħ l-istess triq huwa unikament responsabbli għad-danni u spejjeż kollha sofferti mir-rikorrenti fil-propjeta tagħhom fi Triq is-Salini, Marsalforn, limiti taż-Żebbug, Għawdex;

iv. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;

v. Tordna lill-istess intimat sabiex huwa jħallas lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati;

vi. Tikkundanna wkoll lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-interessi bl-ogħla rata permessa mil-liġi fuq l-ammont hekk likwidat u dan mid-data tal-likwidazzjoni sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra ufficjali tal-ħamsa (5) ta' Settembru 2016 (Ittra Numru 422/2016) u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa l-konvenut inġunt.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mark Formosa, Direttur Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex illi eċċepixxa:**

1. Illi preliminarjament, l-esponenti mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawza stante li l-parti ta' Triq is-Salini fejn ir-rikorrenti qiegħdin

jitlobu li tiġi asfaltata ma' ġiex miftuħa u ffurmata mill-esponenti u kellha biss tiġi ffurmata minn min diġa' żviluppa l-proprjeta' tiegħu f'din it-triq u/jew minn min ifforma t-triq oriġinarjament;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, r-rikorrenti għandhom jippruvaw id-drittijiet ta' proprjeta' li qed ivvantaw u b'mod partikolari għandhom juru b'mod ċar liema parti mill-proprjeta' qegħdin jitolbu li tiġi asfaltata. Għalkemm ir-rikorrenti eżebew żewġ kuntratti, l-ebda wieħed ma' fih pjanta anessa miegħu, u b'hekk ma hemmx indikat liema parti tal-art hija tagħhom;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti jidhru li huma msejsa fuq premessi li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom għalhekk jiġu miċħuda;

4. Illi nfatti mhuwiex minnu li l-esponenti naqas fid-dmirijiet tiegħu meta ma neħħiex l-ħajt tal-kantun li qiegħed jagħlaq Triq is-Salini. Dan peress illi, aparti li l-ħajt in kwistjoni ma ġiex mibni mill-esponenti, huwa stat ta' fatt li jeżisti *'enforcement notice'* fuq dan il-ħajt li jġib in-numru EC 965/2000. Għalhekk l-obbligu huwa biss tal-PA li tieħu azzjoni sabiex jitneħħa dan il-ħajt;

5. Illi inoltre' lanqas m'huwa minnu illi fil-laqgħa li qegħdin jalludu għaliha r-rikorrenti li nżammet fid-Dipartiment tal-Artijiet, fil-Berga' ta' Kastilja, intlahaq xi ftehim dwar kif kellha titkompla t-triq. Għal kuntrarju, f'dik il-laqgħa gie miftiehem illi qabel ma' tista' tittieħed xi azzjoni għandhom l-ewwel jiġu verifikati t-titoli fuq il-proprjeta' li fiha huma mitluba mir-rikorrenti li jsir l-asfaltar ta' triq u l-mgħoddija tas-servizzi ta' dwal, ilma u drenaġġ;

6. Illi meta saru t-taħdidiet mar-rikorrenti sabiex tinsab soluzzjoni, ir-rikorrenti dejjem talbu illi jinbiddlu l-livelli tat-Triq is-Salini b'sular għoli, xi ħaġa li assolutament ma tistax isir u lanqas ma hija vijabbli. Aparti minn hekk, meta jkun irid isir bdil ta' livelli trid isir talba formali lil Awtorita' ta' l-Ippjanar, u mhux lill-esponenti, wara li tiġi sottomessa applikazzjoni ta' *'Planning Control'*;

7. Illi lanqas ma huwa minnu li r-rikorrenti ma jistax jaċċedu fil-proprjeta' tagħhom fix-xhur tax-xitwa;

8. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rimedju semmai li għandu jingħata lir-rikorrenti hu, li jekk ma jintlahaqx ftehim bejn is-sidien li għandhom l-proprjeta' tagħhom f'din it-triq, jittieħdu l-passi neċessarji sabiex isir *'expropriation on behalf of third parties'* fejn permezz tagħha t-terza persuna li diġa' żviluppat il-proprjeta' tagħha f'din it-triq - sakemm għadha mhix diġa' proprjetarja tal-parti ta' Triq is-Salini fejn quddiemha sar l-iżvilupp - tidhol f'*Deed of Obligation'* mal-*Government Property Division* fejn tobbliga ruħha li tħallas hija għal din l-esproprjazzjoni. Imbagħad l-obbligu biss li jkollu l-Gvern hu li jagħti t-tarmac f'din it-triq;

9. Għaldaqstant l-esponenti qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-aċċess li sar mill-Qorti fis-17 ta' Mejju 2017.

Rat illi b'nota ġuramentata tat-28 ta' Mejju 2018 senjatament fil-paragrafu (f) l-attur iddikjara li ma kienx ser jinsisti aktar dwar likwidazzjoni u ħlas ta' danni u għalhekk irtira t-talbiet imressqa minnu fil-paragrafi mmarkati (iii) sa (vi).

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għal-lum.
**Ikkunsidrat**

**Provi**

**L-attur Gioacchino sive Jack Galea permezz ta' affidavit**[1] igħid x'kien ġara eżattament f'laqgħa li kienet inżammet nhar l-għaxra (10) ta' Novembru 2015 fl-uffiċju tas-CEO tal-MEPA s-sur Johann Buttigieg, f'liema laqgħa kienu ġew diskussi l-livelli l-ġodda ta' Triq is-Salini fejn din tagħqad ma' Triq Miġel il-Baħar, f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex. Jkompli jgħid illi għal din il-laqgħa kien hemm prezenti hu flimkien ma' CEO tal-MEPA Johann Buttigieg kif wkoll l-Assistent Direttur u Inginier tal-MEPA is-Sur Ray Attard, flimkien ma' uffiċjal ieħor mill-istess MEPA.

Jgħid illi tul din il-laqgħa kien ġie spjegat li minħabba illegalitajiet li kienu saru minn Tumas Group meta dawn żviluppaw siti tagħhom li jagħtu għal fuq din it-triq, il-livell ta' Triq is-Salini kantuniera ma' Triq Miġel il-Baħar għandhom jsiru hekk kif propost mill-perit tiegħu l-perit Ray Agius. Ikompli jgħid illi kienu anke ġew murija pjanti li juru bil-preċiż il-livelli kif iridu jiġu. Jispjega illi tali livelli jiggarantixxu li kollox jibqa' kif attwalment hu u ma jkun hemm l-ebda problemi għar-residenti ta' Triq is-Salini u Triq Miġel il-Baħar.

Jgħid illi wara li s-CEO u l-persuni preżenti raw il-livelli kif kienu qegħdin jiġu proposti, huma qablu ma' dawn il-livelli hekk kif indikati mill-Perit Ray Agius. Jgħid illi s-CEO tal-MEPA kien anke ordna fil-preżenza tiegħu lill-Assistent Direttur Ray Attard sabiex dawn il-livelli jingħataw on site. Jgħid illi s-Sur Ray Attard ikkonferma li huwa kien se jagħmel dan.

Ikompli jgħid illi l-Perit Angelo Portelli li huwa responsabbli mit-triqat fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtlu email fil-hamsa (5) ta' Jannar 2016 fejn huwa informah li l-livelli l-ġodda kienu lesti u li kienu inħadmu mill-MEPA.

Jgħid ukoll illi wara xi ftit taż-żmien, is-CEO tal-MEPA biddel il-fehma tiegħu u mar lura mill-ftehim li kien sar fl-10 ta' Novembru 2015. Jgħid illi kemm is-CEO kif wkoll l-Inginier Ray Attard qegħdin jgħidu li ma kien sar l-ebda ftehim fuq il-livelli ta' Triq is-Salini f'dik il-laqgħa ta' Novembru 2015. Jgħid illi dan assolutament mhux minnu u li dakinhar stess kienet ħarġet ordni biex il-livelli jittranġaw skont kif kien ippropona l-Perit tiegħu stess.

[1] A fol 59 sa 60 tal-process.

Jgħid illi s-Sur Johann Buttigieg iridu bilfors jagħmel PC Application sabiex jiġu approvati l-livelli l-ġodda. Dan meta fl-ebda każ jew ċirkustanza meta kien hemm bdil fil-livelli ta' din it-triq ma saret xi PC Application. Jgħid illi għalhekk ma jistax jifhem kif issa qegħdin jippretendu li hu jagħmel din l-applikazzjoni.

Isostni li hu mhux il-persuna idonea sabiex jagħmel din l-applikazzjoni għar-raġuni li Triq is-Salini illum ikkapparraha l-Gvern u fil-fatt għadda s-servizzi ta' dawl, ilma u elettriku minnha u anke taha t-tarmac. Jkompli jgħid illi l-Gvern għalhekk qisu għamel tiegħu it-triq (bir-riżerva li hu u s-sidien l-oħra ingħataw kumpens tal-art li ħa l-Gvern għat-triq) u għalhekk jekk trid issir applikazzjoni, din għandha issir mill-Gvern u mhux minnu.

Jiċħad illi l-livelli li qiegħed jipproponi l-Perit tiegħu huma sabiex jibbenefika hu. Jgħid illi l-livelli kif proposti qegħdin jieħdu in kunsiderazzjoni x'hemm fis-sit u l-interess komuni tar-residenti u kien proprju għalhekk li dawn il-livelli kienu ġew aċċettati fil-laqgħa tal-għaxra (10) ta' Novembru 2015.

L-attur **Gioacchino sive Jack Galea** ippreżenta affidavit[2] ieħor fejn jispjega illi hu proprjetarju ta' xi blokok ta' appartamenti fi Triq is Salini, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u għad baqagħlu art li għadha mhix żviluppata. Jgħid illi din l-art mhux żviluppata għandha faċċata ta' madwar mitejn u tletin pied pari għal madwar wieħed u sebgħin metru (71m).

Jkompli jispjega wkoll illi meta ġiet approvata l-*planning schem*e oriġinali fis-sena 1983, Triq is-Salini, Triq Miġel il-Baħar u Triq Santa Marija kienu kollha toroq ċirkolari hekk kif jidher ukoll fil-pjan regolatur u jagħmel referenza għall-kopja tal-pjanta skont il-*planning scheme li* ġiet ippreżentata mar-rikors ġuramentat u hija markata bħala Dokument C[3]. Jgħid illi t-toroq li semma' huma indikati bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta.

Kompla jgħid illi fl-istess triq, Tumas Group kienu żviluppaw l-art proprjeta' tagħhom madwar għoxrin (20) sena ilu. Jgħid illi biex bnew, huma kellhom bżonn illi jkollhom it-triq ifformata sabiex ikunu jistgħu jiftħu l-aperturi. Jgħid illi qed jirreferi għal fuq Triq is-Salini. Jkompli jgħid li għaldaqstant

[2] A fol 115 sa 117 tal-process
[3] A fol. 13 tal-process.

ġiet ifformata Triq is-Salini u ta' Tumas Group bnew skont il-pjan oriġinali. Jkompli jispjega illi Triq Miġel il-Baħar kienet bejn ħamsa u għoxrin (25) u tletin (30) pied wiesa' u Tumas Group xtraw biċċa mill-wisa' ta' Triq Miġel il-Baħar mingħand Emidio Azzopardi, bir-riżultat illi Triq Miġel il-Baħar ġiet wiesgħa għoxrin (20) pied. Jgħid illi l-livelli ta' Triq Miġel il-Baħar ġew ukoll mibdula mill-*planning schem*e oriġinali. Jkompli jgħid illi dan sar minn Emidio Azzopardi u Tumas Group u sar kollu mingħajr l-approvazzjoni tar-residenti ta' Triq is-Salini kif wkoll tal-Awtoritajiet kompetenti. Isostni li dan kollu sar illegalment li wassal sabiex Triq is-Salini li hija triq relattivament twila tispiċċa *cul de sac.*

Jispjega illi sadanittant Triq is-Salini ġiet imblukkata tul il-wisa' kollu tagħha minn Emidio Azzopardi billi inbena hajt ta' għaxar filati illi għadu hemm. Jgħid illi apparti minn hekk gew mibnija wkoll numru ta' garaxxijiet taht l-istess Triq is-Salini. Jgħid illi l-Awtorita' tal-ippjanar kienet ġiet informata b'dawn l-illegalitajiet li saru aktar minn għoxrin (20) sena ilu, iżda għalkemm inħarġet l-*enforcement notice*, kollox baqa' kif inhu u ma ttiehdet l-ebda azzjoni oħra.

Jkompli jispjega illi madwar tlieta jew erbgħa snin qabel, minn Triq is-Salini il-Gvern għadda s-servizzi kollha u wessagħha fil-bidu tagħha biex l-istess triq tkun komda għal min jagħmel uzu minnha. Izid igħid illi apparti minn hekk l-istess triq ġiet livellata mill-Gvern u l-Gvern imbagħad għadda biex jagħti t-tarmac u illum disgħin fil-mija (90%) tat-triq u ċioe' sa quddiem parti biss mill-proprjeta' tiegħu, t-triq tinsab asfaltata. Jgħid illi l-kumplament tat-triq li għadha mhix asfaltata tinsab livellata u x-xogħol ta' livellar sar minnu u minn Tumas Group. Jkompli jispjega li sabiex saru l-mogħdija ta' servizzi, it-twessiegħ fil-bidu tat-triq, il-livellar kif wkoll l-asfaltar ma intalbet l-approvazzjoni ta' ħadd da parti tal-Gvern. Jispjega illi la intalbet l-approvazzjoni tas-sidien u lanqas tar-residenti fl-istess triq, inkluż tiegħu. Jgħid illi suppost kif qed jesigi d-Dipartiment għall-Progetti u Żvilupp fil-każ tiegħu ta' issa, suppost kellu jintalab il-permess tiegħu sabiex isir il-livellar u l-asfaltar ta' dik il-parti tat-triq li tiġi quddiem tiegħu. Jgħid illi dan ma sarx iżda d-Dipartiment qabad u għamel ix-xogħol li kien hemm bżonn li jsir. Isostni li t-tkomplija tax-xogħol fuq il-parti tat-triq li għadha ma saritx u li tiġi quddiem il-propjeta tiegħu għandha issir bl-istess modalita kif ġia sar qabel. Jgħid illi jekk ma jsirx hekk, allura tkun qegħda issir

diskriminazzjoni sfaċċata kontra tiegħu, xejn aktar u xejn anqas. Fuq il-pjanti Dokument X u Y indika sa fejn wasal it-tarmac kif wkoll il-parti tal-propjeta tiegħu li quddiemha baqa' ma sarx ix-xogħol ta' asfaltar tat-triq mingħajr l-ebda raġuni. Jispjega illi l-parti fejn ma sarx ix-xogħol huwa indikat bl-ittri "A" u "B". Jgħid illi apparti minn hekk il-fatt li fil-kantuniera bejn Triq is-Salini u Triq Miġel il-Baħar hemm ċanfira li hi mibnija u mhux sempliċiment ippjantata turi li Triq is-Salini kellha tkompli ma' Triq Miġel il-Baħar u mhux li ż-żewġ toroq huma separati u f'livelli differenti kif inhu illum. Jgħid illi l-pjan regolatur oriġinali dejjem wera ż-żewġ toroq magħqudin ma' xulxin u ċirkulari.

Jkompli jispjega li hu għandu sehem mit-triq kollha u l-aħħar disgħin pied pari għal sebgħa u għoxrin punt erba' metri (27.4m) tat-triq li ġew asfaltati diġa, hu propjetarju sħiħ tagħhom. Jgħid illi kif ġia spjega, hu ma ntalab l-ebda permess biex isir l-livellar u l-asfaltar ta' din il-parti tat-triq.

Jgħid ukoll illi minn dejjem kien hemm qbil bejn il-proprjetarji tal-bini fi Triq is-Salini dwar il-fatt illi Triq is-Salini kellha tingħaqad mal-livell eżistenti ta' Triq Miġel il-Baħar. Jgħid illi di fatti, l-istess proprjetarji kienu ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' servitu' datat tlieta (3) ta' Novembru 1992.

Jgħid illi d-Dipartiment qiegħed isostni li l-eredi ta' Victor Bigeni ma jridux li jsir ix-xogħol. Jgħid illi dan assolutament mhux minnu għaliex l-istess eredi ta' Victor Bigeni ffirmaw il-formola tan-no objection biex it-triq tiġi rranġata. Jgħid illi apparti minn hekk Victor Bigeni kien firmatarju tal-istess kuntratt tal-1992 fejn ġiet kostitwita s-servitu.

Ikompli jgħid wkoll li kienet saret laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex, għal liema laqgħa kien hemm preżenti l-Ministru għal Għawdex, l-Executive Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar is-Sur Johann Buttigieg, id-Direttur Mark Formosa, u l-Perit Angelo Portelli, li kienu responsabbli mit-toroq f'Għawdex. Waqt din il-laqgħa, il-Perit Ray Agius, kif imqabbad minnu stess, kien ippropona pjan ta' livelli ġodda, u ħadd mill-persuni preżenti ma oġġezzjona għal dan il-pjan. Jgħid illi verbalment kien hemm qbil ma' dawn il-livelli.

**Il-Perit Raymond Agius**[4] jgħid illi hu kien il-perit inkarigat minn blokok ta' flattijiet li s-Sur Galea bena fi Triq is-Salini. B'referenza għad-dokument JG3 a fol 55 u 56 tal-proċess jispjega li kienu saru xi marki ta' livelli fuq il-post u s-Sur Galea kien qallu biex jinżel u jara x'inhuma. Jgħid illi mill-marki li kien hemm fuq il-post kien jidher ċar li kienet se tiġi ffurmata speċi ta' benniena fit-triq fis-sens illi f'illi tkun nieżla t-triq u f'illi terġa' tibda tiela'. Jispjega illi biex isolvu din il-problema minn naħa tal-Planning Authority kienu qegħdin jipproponu gutter jew dorga għall-ilma li hemmhekk peress li jinżel ħafna *debris* minn fuq l-għolja tal-Qolla s-Safra żgur li gutter bħal dan fix-xita jibda jinstadd u jkun hemm għarar.

Jkompli jgħid illi hu ppropona li jsiru livelli diversi u t-triq tingħaqad kif kienet originarjament proposta skont il-pjan regolatur li Triq is-Salini tingħaqad for easy flow of traffic minn Triq is-Salini għal Triq Miġel il-Baħar mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' dorga u mingħajr ma jkun hemm għarar.

Meta mistoqsi dwar is-sitwazzjoni attwali tal-lum vis-à-vis dan il-pjan regolatur, igħid illi rigward l-aħħar pjanti li ħadu mill-Planning Authority jidher li hemm taraġ minn bejn Triq is-Salini għal Triq Miġel il-Baħar. Jispjega illi ser jkun hemm diżlivell li trid tinżel għalih minn triq għall-oħra bit-taraġ. Ikompli jgħid illi żgur mhux ser tgħaddi karozza u jirreferi wkoll għal xi bini illegali li sar fi Triq is-Salini fejn jaf illi hemm proċeduri legali illi ilhom għaddejjin xi għoxrin sena. Jgħid illi t-triq tinsab blokkata minn dan il-bini illegali. Ikompli jgħid illi nbiddlu l-livelli għal xi raġuni jew oħra mingħajr ma ikkonsultaw lil ħadd biex ħolqu diżlivell bejn Triq Mieġel il-Baħar u Triq is-Salini. Jżid igħid illi l-fatt li ħolqu din l-ispeċi ta' benniena li semma' qabel ser tipprovoka ġmigħ ta' ilma tax-xita.

Jgħid illi hu għamel PC application f'isem is-Sur Galea biex jiġu approvati dawn il-livelli l-ġodda, però biex saret din il-PC application kien hemm bżonn il-kunsens da parti ta' Bigeni li jmissu mas-Sur Galea u dawn iffirmawlhom. Jispjega illi bħala proċedura tkun li hu jgħaddi l-formoli lis-sidien. Jgħid illi hu għaddihom lill-Avukat Bigeni u l-Perit Alex Bigeni fejn huma ħadu ħsieb biex l-eredi l-oħra jiffirmaw il-formoli li kien hemm bżonn.

[4] A fol 124 sa 133 tal-process

B'referenza għall-dokument RA9 a fol 142 tal-proċess, jgħid illi fuq in-naħa ta' wara ta' kull formola l-oriġinali, hu jipprintja skont struzzjonijiet minn naha tal-Planning Authority biex jagħmel speċi ta' site plan fejn juri l-proprjetajiet ta' min qed japplika, jagħmel, u ta' min qed jiffirma l-kunsens tiegħu.

Jispjega illi l-istat tat-triq hemmhekk għadu mħarbat. Jgħid illi ġurnata qabel ma ta d-disposizzjoni tiegħu hu aċċeda fuq il-post u ra li hemm gandott kbir fin-nofs. Jgħid illi dak il-gandott irid jitwitta u jinżlu għal-livelli biex jiġi riprestinat il-flow kemm tal-ilma u kemm tat-traffiku minn naħa għall-oħra minn Triq is-Salini għal Triq Miġel il-Baħar.

Meta mistoqsi tul Triq is-Salini kollha kemm jikkalkula li ġiet asfaltata minnha, jgħid illi bħala persentaġġ, bejn wieħed u ieħor xi tmenin fil-mija (80%) minnha. Iżid igħid illi iżjed minn tmenin fil-mija tlestiet u ġiet asfaltata. Jgħid illi hu ma jafx li kien hemm xi kuntatt mas-sidien u jgħid illi tal-inqas il-klijenti tiegħu ma ikkuntattjawhx. Jgħid illi kuntatti ohra ħlief biex jagħmlu dik il-PC application ma kellux.

Jikkonferma illi kienet saret laqgħa fl-uffiċċju ta' Dottor Deborah Schembri fil-preżenza ukoll tas-Sur Johann Buttigieg, is-CEO tal-Planning Authority, kif ukoll kien hemm il-Ministru ta' dakinhar ta' Għawdex Dottor Anton Refalo u kien hemm anke l-Permanent Secretary tal-Ministeru ta' Għawdex fejn saru diskussjonijiet, fejn qalulhom fost ohrajn li l-livelli mhux veru li nbidlu. Jgħid illi hu irriżultalu li sar tibdil sostanzjali għaliex hu ilu involut fix-xogħol peress illi hu responsabbli għax-xogħol tas-Sur Galea minn nineteen eighties. Jgħid illi fil-pjan regolatur oriġinali la kien hemm turġien bejn Triq Mieġel il-Baħar u Triq is-Salini, la kien hemm dorga u lanqas kien hemm dak il-livelli li jinżlu mbagħad jitilgħu.

Fuq mistoqsija tal-Qorti, jgħid illi hu ma jaqbilx li ma nbidel xejn, u li nbidel ħafna b'detriment għar-residenti ta' hemmhekk.

Jgħid illi skont il-pjan regolatur l-wisa' tat-Triq Mieġel il-Baħar kellha tkun ħamsa u għoxrin pied pero' fil-preżent qiegħda xi għoxrin pied jew inqas. Jgħid illi f'punt minnhom fi Triq is-Salini hemm hajt minn naha għall-ohra tat-triq li sa fejn jaf hu nbena illegalment għax hemm anke enforcement

notice fuqu u 'l gew minnu hemm garaxxijiet taht il-livell tat-triq. Jispjega illi llum ma tistax issir triq fuq is-saqaf tal-garaxxijiet. Jkompli jispjega illi jekk tagħmilha dik il-bicca xogħol irid ikun hemm spazju biżżejjed fejn tagħmel il-ħxuna tal-bjut li jifilħu traffiku ta' trakkijiet.

Jgħid illi f'dawn il-laqgħat ma kienux jiddiskutu jridux jagħmlu asfaltar jew le. Meta mistoqsi x'ġie diskuss jgħid illi l-livelli. Jkompli jgħid illi dakinhar kienu ddeċidew li jagħmlu l-pjanta. Jgħid illi biex wieħed jiżviluppa l-ewwel trid tiġi ffurmata t-triq jiġifieri mniżżla sal-livell appropjat. Imbagħad wieħed ikun jista' jagħmel l-iżvilupp li jkun ingħata permess għalih. Jgħid illi din hija kundizzjoni illi tkun anke fil-ħruġ tal-permess tal-Planning Authority.

Jgħid illi fuq din il-biċċa li għadha mhix żviluppata, hemm ta' Tumas Group li dawn diġa' bnew li kellhom jibnu, għamlu gallarijiet u l-aperturi li jagħtu fuq Triq is-Salini fost oħrajn għax imbagħad għandhom gallarijiet u bibien fuq it-toroq l-oħra.
B'referenza għall-konfigurazzjoni tal-binja ta' Tumas Group fil-kantuniera ta' bejn Triq is-Salini u Triq Mieġel il-Baħar, jgħid illi hemm *splay* li bil-lingwa Maltija tissejjaħ ċanfira bejn triq u oħra li juri li kienet intenzjonata biex issir kantuniera tat-triq fejn it-traffiku ikun jista' jimmanuvra.

Jikkonferma illi l-intenzjoni ta' dik iċ-ċanfira kienet biex t-triq tkompli. Jispjega illi meta sar il-bini ta' Tumas Group l-intenzjoni kienet għadha li l-pjan regolatur kien ser jiġi attwat. Jgħid illi ma jafx eżatt kemm ilha li ġiet żviluppata l-binja ta' Tumas Group pero' jżid igħid illi ilha iktar minn ħmistax, għoxrin sena.

Jkompli jgħid illi rigward il-livelli li kienu bnew fuqhom fil-proprjeta' ta' Galea, kienu gew iċċekkjati anke minn naħa tal-Planning Authority fejn kien mar fuq il-post s-Sur Jean Manduca li ċċekkja u kkonferma u niżżel fil-file li kienu kkonformaw eżatt ma l-livelli stabbiliti, mal-livelli li taw huma stess meta kienu ser jibdew il-bini jiġifieri kien hemm konferma li l-bini bil-livelli kien skont l-istruzzjonijiet li ngħataw minnhom stess.

In kontro eżami jikkonferma illi bħala sidien hemm ukoll il-perit Alex Bigeni u l-avukat Damian Bigeni.

Jgħid illi hu għadda l-formoli lis-Sur Galea biex jagħtihom lis-Sur Bigeni u imbagħad ġabarhom hu mingħand il-perit Alex Bigeni.

Mistoqsi jekk jafx min huma s-sidien ta' dik il-parti li għadha mhix asfaltata jgħid illi sa fejn jaf hu nofsha għadha tas-Sur Galea u nofsha hi ta' Tumas Group. Jikkonferma illi hemm parti li għadha mhix żviluppata li hi ta' Bigeni.

Jgħid illi kull sid ta' proprjeta' li tagħti għal fuq it-triq jigifieri kull min irid jizviluppa jrid iwitti u jgibha sal-livell approprjat is-sid.

Permezz ta' ri eżami, ix-xhud jgħid illi attwalment tħarbit hemm imma mwitti presso a poco sal-livell li suppost. Jgħid illi l-livelli għadhom imħarbtin imma presso a poco mhux kif qed jipproponuhom huma qegħdin.

Jgħid illi l-livelli qiegħdin kif kienu proposti mill-Planning Authority.

Rigward il-PC application, jgħid illi s'issa għadha fil-proċess li tiġi approvata.

Jgħid illi l-istat tat-triq ta' tmenin fil-mija ta' Triq is-Salini, qabel ma sar ix-xogħol ta' asfalt bejn wieħed u ieħor tħarbit ukoll kien hemm meta kkomparata mal-istat tal-kumplament ta' Triq is-Salini fejn għadu ma sarx ix-xogħol tal-asfalt illum.

Rigward il-livelli, jgħid illi mhux kulhadd kien għamlu. Jgħid illi s-Sur Galea kien l-ewwel wieħed allura l-ewwel li ried iwitti hu.

Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk il-livelli, qabel ingħata l-asfaltar, ix-xogħol biex intlaħqu l-livelli, sarx mill-privat u imbagħad il-Gvern għamel l-asfaltar, jgħid illi l-biċċa l-kbira kien għamlu s-Sur Galea. Jgħid illi l-istat tat-triq li baqa mhux asfaltat qiegħed fi stat ħafna agħar minn kif kienet it-triq qabel.

**Nicholas Baldacchino**[5] permezz ta' affidavit igħid illi hu jokkupa l-kariga ta' Legal Support Manager fi ħdan id-Direttorat għat-Toroq u l-Infrastruttura fl-Awtorita' għat-Transport f'Malta. Jgħid illi x-xogħol tiegħu jikkonsisti f'li

[5] A fol 153 sa 154 tal-process

jassisti legalment lill-Periti tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, billi mill-esperjenza li għandu tul dawn l-aħħar ħames snin f'din il- kariga, jara li l-proċeduri eżistenti fil-liġi biex jinbnew it-toroq ikunu qed jiġu applikati u eżegwiti. Jgħid illi barra minn hekk, hu jidħol ukoll f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm tilwim minn terzi u proċeduri legali dwar toroq u infrastruttura.

Jgħid illi minħabba l-irwol tax-xogħol tiegħu, qabel ma nfetħet din il-kawża hu kien ġie avviċinat mill-uffiċjali tal-Ministeru għal Għawdex sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-iffurmar ta' Triq is-Salini f'Marsalforn, Għawdex u dwar it-twittieh u l-asfaltar tagħha.

Jispjega illi f'din il-laqgħa, hu kien spjega kif l-iżviluppatur li jkun se jagħmel żvilupp ġdid għandu dejjem qabel jibda jibni, jifforma t-triq li twassal għall-propjeta' tiegħu, u dan ai termini tal-artikolu 12 tal-liġi sussidjarja 499.57 bl-isem "Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq'. Jkompli jgħid illi dan ifisser illi meta t-terzi persuni bnew l-appartamenti tagħhom fl-istess Triq is-Salini, dakinhar huma kienu obbligati jifformaw l-parti stradali ta' Triq is-Salini kollha mill-eqreb triq iffurmata, li twassal sa tarf il-faċċata tal-iżvilupp tagħhom u dan skont il-livell approprjat mogħti mill-Awtorita' għall-Ippjanar u skont l-pjan strutturali tal-istess Awtorita' tal-Ippjanar.

Jkompli jgħid illi dan ifisser li l-Gvern ta' Malta qatt ma seta' jifforma hu dik il-parti ta' Triq is-Salini, mertu ta' din il-kawza, imma kellha tiġi ffurmata minn terzi, ċjoe mir-rikorrenti u minn dawk it-terzi li għandhom xi żvilupp f'din it-triq.

Jispjega illi f'Malta u Għawdex, it-twittieh u l-iffurmar ta' dawk it-toroq residenzjali u li mhumiex arterjali jew distributorji, bħal Triq is-Salini, iridu jiġu ffurmati mill-iżviluppatur. Imbagħad huwa f'idejn l-Awtoritajiet Governattivi li meta triq tkun ġiet iffurmata u jingħaddu s-servizzi, isir l-asfaltar tat-triq. Jgħid illi meta jsehh dan, it-triq ma tibqax aktar privata imma tiġi pubblika. Dan ifisser li fil-prezent, Triq is-Salini għadha triq privata.

Jgħid illi din il-proċedura toħroġ mill-artikolu 19 tal-liġi sussidjarja hawn fuq imsemmija u li tapplika ukoll għall-kaz in kwistjoni.

In kontro ezami[6] jikkonferma illi meta ġie avviċinat mill-Ufficcju tal-Ministeru għal Għawdex rigward il-kwistjoni tal-iffurmar ta' Triq is-Salini f'Marsalforn l-ewwel biċċa ta' Triq is-Salini jiġifieri il-parti l-kbira tagħha kienet diġa ġiet asfaltata.

Jgħid illi hu ma marx fuq il-post minħabba kwistjoni ta' persuna jew Jack Galea jew ħaġa jew oħra. Jgħid illi hu flimkien mal-Perit David Vassallo marru fuq il-post biex jaraw kif kienet it-triq f'dak iż-żmien u jagħmel referenza għal sena qabel jew ftit inqas. Jkompli jgħid illi huma tkellmu fuq affarijiet in ġenerali, bażiċi, li kull triq ġewwa Malta u Għawdex, li hija triq li tkun skemata u hija residenzjali, trid tgħaddi minnha. Jgħid illi l-ewwel parti tat-triq kienet asfaltata meta mar.

Jikkonferma illi meta ġej minn naħa ta' barra u dieħel lejn Marsalforn, tikser lejn ix-xellug u tibqa' diehel 'l ġewwa t-triq ma tinfed għal imkien. Jgħid illi hemm sitwazzjoni anomala hemm f'dik il-parti.

Jispjega illi l-mod kif tkun skemata t-triq u kif għandha tkun it-triq, dik toħroġ mill-Awtorita tal-Ippjanar li jistgħu jagħmlu xi tibdil jew jikkonfermaw eżattament kif suppost qegħda t-triq. Jispjega illi hu bhal kull persuna ohra, jista' jidħol fis-sistema tal-Planning Authority, għandhom geo server u jkollok l-iskema ta' kif għandha tinbena it-triq. Jkompli jispjega illi f'dik l-iskema jidher li t-triq, suppost tibqa' għaddejja, tkompli pero' attwalment jidher li hemm xi binja li qegħda f'nofs din it-triq.

Jikkonferma illi hemm numru ta' binjiet li qed jagħtu għal fuq dik il-parti tat-triq li għadha mhix asfaltata pero' ma jiftakarx ezatt x'tip ta' bini hemm.

Jafferma illi meta jingħata permess mill-Planning Authority għall-bini, waħda mill-punti kruċjali li jkollok f'dak il-permess huwa li wieħed irid jifforma t-triq. Jispjega illi meta jirreferi għal-liġi illi tifforma t-triq, it-triq trid tiġi ffurmata bil-wisa' kollha tagħha u tiġi mwittiha skond il-livelli tal-Planning Authority stess. Jispjega illi meta wieħed ikun ser jibni, il-Planning Authority jagħtu l-livelli, trid titwitta t-triq u tinbena t-triq qabel ma jibda l-proċess tal-bini.

[6] A fol 164 sa 173 tal-process

Meta ġie suġġerit jekk dan ix-xogħol allura suppost sarx minn min għandu l-flattijiet li diġa' jagħtu għal fuq dik it-triq, ix-xhud wieġeb illi kull min jibni għandu jibni t-triq. Ikompli jgħid illi jekk kien hemm persuna li suppost bniet it-triq kollha, għaliex kienet l-ewwel li għamlet binja, it-triq għandha tinbena kollha, pero' meta imbagħad, l-oħrajn jibdew jibnu, iridu jaraw li l-parti stradali ta' quddiemhom hija mibnija skond il-liġi, għaliex inkella ma jkunux jistgħu jibnu lanqas.

B'referenza għar-ritratti li hemm fil-proċess immarkati JG4, JG5, JG9, u JG11, jikkonferma illi hu qed jagħraf il-post. Jafferma illi l-iżviluppatur illi għamel il-binja li tidher qisha lewn oranġjo fid-dokument JG4 u JG5, fejn hemm il-gallariji u l-aperturi kollha, dak suppost, kien obbligat li jifforma t-triq hu, peress li qiegħda quddiemu. Jkompli jgħid illi min għandu l-parti stradali ta' quddiemu, irid jibni t-triq hu. Jispjega illi jekk il-binja oranġjo suppost hemm triq iffurmata, irid ikollu triq iffurmata, u jrid jiffurmaha hu qabel isir il-bini. Jgħid illi l-liġi u l-permess wkoll hekk ikun jgħid, jiġifieri trid tifforma triq l-ewwel qabel ma tibda tibni.

Jgħid illi fl-ebda ħin huma ma tkellmu fuq persuni partikolari fir-rigward illi l-bini kienx proprjeta' tar-rikorrenti. Jgħid illi huma kull ma għamlu marru jaraw it-triq u li qalu kien li t-triq trid tiġi ffurmata. Jerga' jispjega illi t-triq dejjem tigi ffurmata minn min jibni u minn min għandu art aġġjaċenti. Jkompli jispjega illi jekk hemm artijiet vojta, wkoll għandhom l-obbligu li jiffurmaw it-triq. Jgħid illi qegħda ċara fil-liġi li tgħidlek li huwa responsabbli tat-triq, jiġifieri min għandu artijiet aġġjaċenti huwa responsabbli ta' dik it-triq wkoll, basta ovvjament jiżviluppa. Jgħid illi anke jekk ma jiżviluppax, meta għandek parti stradali quddiemek u għadha bhal din, ġaladarba din ma ġietx asfaltata, ifisser li din it-triq għadha tal-privat, jekk hi passaġġa jistgħu jgħaddu vetturi u nies, però min għandu l-artijiet adjaċenti huwa responsabbli anke tal-manteniment ta' dik il-biċċa art fejn jgħaddu n-nies.

Meta mistoqsi jekk il-gvern tramite l-aġenziji tiegħu, jista' hu stess jaqbad u jagħmel ix-xogħlijiet hu fejn issir referenza għall-artiklu, regolament 23 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.57, "Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq," li dak ir-regolament jippermetti wkoll lil Gvern li għal skop pubbliku, jaqbad u jagħmel ix-xogħlijiet, anke jekk ma jkunux saru mill-individwu li suppost

sar, ix-xhud wieġeb illi l-iffurmar tat-triq jista' jsir mill-Gvern, jew l-aġenziji tiegħu, però a spejjeż ta' min għandu l-art jew beni hemmhekk. Jispjega illi jista' jagħmlu l-gvern, però f'dik is-sitwazzjoni partikolari, l-Gvern għandu problema kbira għax għandu dar jew biċċa mibnija f'nofs it-triq. Jispjega illi għandu sitwazzjoni anomala hafna. Jgħid illi biex jidħlu u jagħmlu triq bl-asfalt huma, irid ikollhom tal-inqas ħħamsa u sebgħin fil-mija (75%), tmenin fil-mija (80%), minn parti stradali li hija mibnija. Hemmhekk jidher li hemm parti zgħira.

Jikkonferma illi Gvern jista' jidħol u jaqbad u jagħmilha a spejjeż tal-iżviluppatur. Jispjega illi meta jingħad iffurmar tat-triq mhux qed jitkellem fuq l-asfalt, l-asfalt dejjem il-Gvern jagħmlu għaliex dak huwa parti mill-kontribuzzjoni li titħallas mal-permess, però t-twittigħ u l-iżvilupp tat-triq irid isir minn min jibni jew minn min għandu l-artijiet adjaċenti.

Jgħid illi m'għandux idea jekk l-Ministeru għal Għawdex f'dik il-parti mhix asfaltata ħax ħsieb jifforma gandott minħabba l-mogħdija tal-ilma.

Jgħid illi huma marru jaraw it-triq u jekk riedu parir fuq il-gandott tal-ilma setgħu jeħduh wkoll.

Meta mistoqsi mill-Qorti jekk hu daħalx fuq kwistjoni ta' gandotti, ix-xhud jgħid illi fejn kien involut hu, qatt ma tkellem fuq il-gandott tal-ilma. Jgħid illi fuq it-triq biss tkellmu. Jiċħad illi meta marru fuq il-post kien jaf jekk dan il-gandott tal-ilma kien diġà qiegħed hemm u jgħid illi lanqas biss rah u ma kellux idea.

Rigward il-kwistjoni għalfejn il-Ministeru waqaf bl-asfalt sal-punt li waqaf u ma kompliex il-kumplament, ix-xhud igħid illi meta marru sabuha lesta dik il-parti u ma daħlux fiha. Jgħid illi huma daħlu biss biex jaraw dik il-parti stradali kif kienet u jekk kinitx iffurmata kif suppost, u x'inhuma l-obbligi ta' min ried jiffurmaha. Jgħid illi ma daħlux fil-kwistjoni għalfejn il-Ministeru għażel li jieqaf sa hemmhekk u ma jkomplix il-kumplament.

Jgħid illi mhux konxju jekk Jack Galea kienx għamel xi żvilupp f'dik it-triq. Jerġa' jikkonferma r-raba' paragrafu tal-affidavit tiegħu. Jinnega illi r-rikorrenti irid ikun żviluppa u jirreferi għal-liġi illi tgħidlek ċar li dak li

għandu proprjetà aġġjaċenti jrid jieħu ħsieb dawk it-toroq privati għaliex jekk hemm parti mill-art li hija parti mit-triq, dik il-parti tal-art għadha tiegħu. Jgħid illi illum billi ma hemmx asfalt għadha privata.

Jgħid illi hu ma jafx jgħid il-kumplament ta' Triq is-Salini f'liema stat kienet qabel ma ġiet asfaltata mill-Gvern. Jispjega illi l-asfalt ta' triq, meta hija triq bhal dik li hija residenzjali u skemata, il-Gvern għandu l-obbligu li jagħtiha l-asfalt. L-obbligu tal-Gvern huwa dak biss, li fl-aħħar meta jgħaddu s-servizzi kollha jagħti l-asfalt. Jgħid illi dak il-ħin li jagħti l-asfalt, toħroġ dikjarazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u dik it-triq issir pubblika.

Jgħid illi normalment meta t-triq kollha issir, imbagħad toħroġ id-dikjarazzjoni fil-gazzetta tal-gvern. Jgħid illi l-Gvern irid imantni dik il-parti tat-tarmak, il-parti l-oħra għadha privata sal-lum sakemm isir l-iffurmar totali u tiġi asfaltata.

Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk l-obbligu tal-bini tat-triq hux sa nofs it-triq, jgħid illi l-obbligu qiegħed illi trid tinbena t-triq kollha. Jgħid illi fil-liġi ma jgħidlekx nofs it-triq iżda li jrid jibni triq, jiġifieri it-triq kollha minn tarf sa tarf quddiem il-binja tiegħu. Jgħid li imbagħad kull min jibda jibni irid iħallas lilu.

B'referenza għal dan il-każ partikolari, fejn naħa hemm il-binjiet, u naħa hemm l-għelieqi, u dead end, ix-xhud jgħid illi kif inhi l-liġi tgħidlek li ġaladarba hemm triq skemata u fil-mument tista' tgħid li bdiet tifforma bħala triq u allura qed jużawha in-nies, iridu jieħdu ħsiebha kemm min għandu l-għelieqi u kemm minn naħa l-ohra.  Jispjega illi kull art, anke fejn hemm art vojta, irid jieħu ħsieb li jara li t-triq hija fi stat li la jweġġa' ħadd, la karozza ma jiġrilha ħsara. Jgħid illi jekk is-sinjur l-ieħor tal-faċċata ma għamilx it-triq, iridu ifittxu lilu, jieħdu passi huma.

Meta mistoqsi jekk il-Gvern jistax jagħmel it-triq huwa a spejjeż tiegħu, bid-dritt li l-Gvern ifittex il-persuna li suppost għamlet dak ix-xogħol, ix-xhud jispejga illi l-Gvern jekk għandu bżonn jagħmel triq jidħol meta jrid, u jekk irid jagħmel triq ġdida, jista' jaqbad u jespropja art jekk hija għal skop pubbliku, u jgħaddi t-triq, jiġifieri l-Gvern għandu dik is-saħħa permezz tal-liġi. Jgħid illi hija deċiżjoni tal-Gvern fl-aħħar mill-aħħar, ħadd ma jista'

jgħidlu għamilha bilfors. Jgħid illi din issir a spejjeż ta' min bena. Jikkonferma illi għall-skop pubbliku l-Gvern jista' jaqbad u jagħmel ix-xogħol.

Meta mistoqsi peress li dan diġa' hemm bini lest u ma għamilhiex it-terza persuna li bena, f'dan il-każ min hu obbligat l-ewwel li suppost jifforma t-triq, jgħid li kif saret, il-persuna li bena huwa obbligat li jifforma triq, jigifieri dak il-persuna gialadarba kellu l-permess biex jibni, suppost ifforma triq sal-livelli neċessarji maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Jikkonferma illi jekk il-Gvern jiddeċiedi li jmur u jagħmel it-triq, jingħata l-avviż, jibgħat lil kull min għandu art hemmhekk, u kull min għandu l-bini, u jinformah illi ser jagħmilha a spejjeż tas-sid fejn jidhol l-iffurmar.

Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk f'dak il-mument tiġix espropjata, iwieġeb fin-negattiv u jispjega illi ġialadarba il-Gvern ikun irid jasfaltaha, u ma jsibhiex iffurmata skond il-livelli, għandu dritt li jidħol jagħmilha hu a spejjeż ta' min kellu jagħmilha. Jgħid illi l-Gvern jista' jfittex lil min kellu jagħmel dik it-triq. Meta mistoqsi mill-Qorti f'dan il-każ itteħditx din id-deċiżjoni, jgħid illi ma jafx.

Jafferma illi bħala responsabiltajiet tat-toroq, Għawdex, jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex. Jgħid illi d-direzzjoni li għandu hija li t-toroq kollha ġewwa Għawdex, jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għal Għawdex.

Jikkonferma illi fil-passat saru numru ta' toroq minn Transport però minn informazzjoni li għandu, din ma toħroġx mil-liġi.

Jikkonferma illi mhix arterjali u distributorja. Jafferma illi l-obbligu li jagħti l-asfalt l-ewwel darba hija dejjem mill-Gvern. Jikkonerma illi imbagħad sem ai wara jidħol il-kunsill lokali.

Jgħid illi huma qatt ma ma daħlu f'dik il-kwistjoni jekk hemmhekk Jack Galea għandux bini jew għandux proprjeta'.

**David Vassallo**[7] permezz ta' affidavit jgħid illi hu jokkupa l-kariga ta' Head of Unit, Implementation fi ħdan Infrastructure Malta. Jgħid illi x-xogħol tiegħu jikkonsisti f'li jmexxi it-Taqsima' li tieħu ħsieb timplimenta xogħolijiet ta' kostruzzjoni tat-toroq residenzjali ġodda, rikostruzzjoni ta' toroq residenzjali u xogħolijiet oħra fuq toroq arterjali u distributorji, fejn imexxi lil tim ta' periti tal-Aġenzija li huma responsabbli mir-reġjuni kollha f'Malta. Jispjega illi minn l-esperjenza li għandu tul dawn l-aħħar sbatax-il sena bħala Perit u fl-aħħar 6 snin f'din il-kariga, għandu għarfien sħiħ tal-liġi dwar it-toroq fejn jara li din il-liġi flimkien ma' liġijiet oħra jkunu qed jiġu applikati u eżegwiti. Jispjega illi barra minn hekk, hu jiġi nvolut f'numru ta' każijiet sabiex jagħti l-parir professjonali tiegħu skond l-istess liġi.

Jgħid illi minħabba l-irwol tax-xogħol tiegħu, hu jiġi avviċinat minn numru ta' entitajiet governattivi sabiex jagħti parir u jigwida lil dawn l-entitajiet dwar xogħlijiet fit-toroq u fil-fatt qabel ma nfetħet din il-kawża hu kien ġie avviċinat mill-uffiċjali tal-Ministeru għal Għawdex sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-iffurmar ta' Triq is-Salini f'Marsalforn, Għawdex u dwar it-twittiegħ u l-asfaltar tagħha.

Jgħid illi f'din il-laqgħa, hu spjega kif triq residenzjali tiġi klassifkata tali skond il-pjan strutturali li tagħmel l-Awtorita' tal-ippjanar u li hija ġestita totalment mill-istess Awtorita'. Jgħid illi fil-fatt l-izviluppatur li jkun se jagħmel żvilupp ġdid għandu dejjem qabel jibda jibni tali binja, jifforma t-triq li twassal għall-propjeta' tiegħu u din tkun waħda mill-kundizzjonijiet li jkunu mniżżla fil-permess tal-bini.

Jispjega illi t-toroq li jiġu ffurmati permezz ta' żvilupp għandhom jinbnew ai termini tal-artikolu 12 tal-liġi sussidjarja 499.57 bl-isem 'Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq'.

Jkompli jgħid illi għalhekk skond din l-istess liġi, meta t-terzi persuni bnew l-appartamenti tagħhom fl-istess Triq is-Salini, dakinhar huma kienu obbligati jifformaw l-parti stradali ta' Triq is-Salini kollha mill-eqreb triq iffurmata, li twassal sa tarf il-faċċata tal-iżvilupp tagħhom u dan skont il-livell approprjat mogħtija mill-Awtorita' għall-ippjanar u skont l-pjan strutturali tal-istess Awtorita' tal Ippjanar.

[7] A fol 157 sa 158 tal-process

Jgħid illi għalhekk il-Gvern ta' Malta ma daħal bl-ebda mod sabiex jifforma hu dik il-parti ta' Triq is-Salini mertu ta' din il-kawża u kellha tiġi ffurmata minn terzi, ċjoe mir-rikorrenti u minn dawk it-terzi li għandhom xi żvilupp f'din it-triq.

Jgħid illi skond il-liġijiet fis-seħħ, it-twittiegħ u l-iffurmar ta' dawk it-toroq residenzjali skond il-pjan strutturali li tagħmel l-Awtorita' tal-Ippjanar għandha dejjem issir mill-izvilupatturi tal-binjiet li jmissu ma dawn it-toroq.

Jgħid illi l-Awtoritajiet jibnu u jiffurmaw toroq arterjali u distributorji skond il-liġi u għandhom l-obbligu li wara li triq residenzjali tkun ġiet iffurmata skond is-sena u l-arti u jkunu għaddew is-servizzi minnha, tagħmel l-asfaltar tat-triq. Jkompli jgħid illi meta jseħħ dan, it-triq ma tibqax aktar privata imma tiġi pubblika. Jgħid illi dan ifisser li fil-preżent, il-parti ta' Triq is-Salini li mhix asfaltata, għadha triq privata ai termini tal-liġi u l-obbligi tagħha huma marbuta ma' kull min għandu propjeta fl-istess triq.

Jispjega illi din il-proċedura toħroġ mill-artikolu 19 tal-liġi sussidjarja hawn fuq imsemmija u li tapplika ukoll għall-każ in kwistjoni.

In kontro ezami[8] jikkonferma illi mar fi Triq is-Salini f'parti ġewwa li ma hix asfaltata. Jikkonferma illi hu familjari ma Marsalforn u li t-triq inkwistjoni hija *dead end*.

Jikkonferma illi meta marru fuq il-post huma għaddew minn fuq l-asfalt biex wasslu fil-biċċa fejn ma hemmx asfalt.
B'referenza għal ritratti Dokument JG4 sa Dokument JG15 jikkonferma illi dak hu l-post eżatt. Jgħid illi qabel qatt ma kien mar hemmhekk.

Jikkonferma illi l-iżviluppatur irid jifforma t-triq qabel ovvjament ma jibda jibni. Jispjega illi dan huwa kunċett li ilu jeżisti u l-prinċipju kien dejjem illi min jibni għandu l-obbligu li jixtri, jiftaħ u jifforma t-triq ta' quddiemu u jekk ma tinfidx iniffidha ma' triq li teżisti.

[8] A fol 175 sa 182 tal-process

Jikkonferma illi fil-parti fejn ma sarx asfalt hemm l-iżvilupp. Jgħid illi allura l-obbligu tal-formazzjoni tat-triq f'dak il-każ kien tal-iżviluppatur.

Mistoqsi jekk jaqbilx jekk inhu l-iżviluppatur li jkun bena ma jkunx ifforma triq kif suppost jistax jidħol il-Gvern u għal skop pubbliku jaqbad u jagħmel it-triq hu bid-dritt tal-Gvern illi jitlob l-ispejjeż tal-formazzjoni tat-triq mingħand min suppost għamilha, ix-xhud jelenka tlett punti. Fl-ewwel punt hu jgħid illi l-obbligu huwa tas-sid. Fit-tieni punt jgħid illi huwa mistenni li l-Awtorità tal-Ippjanar ma toħroġx compliance certificate għaliex l-iżviluppatur ma mexiex mal-obbligi tiegħu tal-permess u tal-liġi. Fit-tielet punt jgħid illi hemm proċess ta' notifiki pubbliċi li l-Gvern irid jagħmel biex jista' jifforma u jitlob l-ispejjeż.

Jikkonferma illi hija possibli li ssir mill-Gvern bi spejjeż tal-persuna konċernata. Jenfasizza illi normalment f'dawn it-toroq huma jidħlu meta jkunu ffurmati u lesti u ma joqgħodux jiftħu l-kawżi biex jiġbru l-flus. Jgħid illi ma hijiex ċirkostanza normali li huma jagħmlu l-formazzjoni f'isem in-nies. Jgħid illi kien hemm ċirkustanzi *one-off* li minħabba interess pubbliku u forsi biex wieħed flok jagħmel proċessi twal. Jikkonferma illi bħala fatt possibbli li ssir. Jgħid illi rari ħafna u normalment issir meta għall-interess tal-pubbliku ma jistgħux jistennew aktar.

Jikkonferma illi Triq is-Salini tkompli ma Triq Miġel il-Baħar u hemm diżlivell u aċċess pedestrina minn fuq għal isfel.

Jikkonferma illi hemm ħajt li qed jimblokka t-triq.

Mistoqsi jekk meta marru fuq il-post ġiex diskuss għalfejn il-Ministeru Għal Għawdex waqaf bl-asfalt sa fejn waqaf u ma tkompliex iktar għal fejn hemm il-bini, jgħid li tkellmu fuq il-prinċipji tal-liġi. Jgħid illi huma tkellmu purament fuq l-obbligi legali ta' dik l-area.

Jgħid li mhux konxju li hemmhekk kien hemm ukoll plots li għadhom mhux żviluppati u quddiemhom sar it-tarmak. Izid igħid illi jekk jidhru mir-ritratti, qegħdin hemm.

Jgħid illi hu m'għamilx verifiki jekk ir-rikorrenti għamilx zvilupp jew le.

Jikkonferma illi t-toroq f'Għawdex jagħmluhom il-Ministeru għal Għawdex.

Jgħid illi hu mhux konxju li kien hemm gandott għall-iskular tal-ilma li kien sar mill-Ministeru.

Jgħid illi l-attur, is-Sur Galea ma kienx preżenti għal-laqgħa li saret *on site*.

**Ikkunsidrat**

Permezz ta' nota ġuramentat l-attur irtira t-talbiet enumerati (iii) sa (vi) kif indikati minnu fir-rikors ġuramentat. Fid-dawl ta' dan, jibqa' għalhekk sabiex tingħata deċizjoni dwar l-ewwel u t-tieni talba kif dedotti.

Il-vertenza pendenti bejn il-partijiet tolqot it-tkomplija ta' xogħolijiet fi Triq is-Salini sabiex din tingħaqad ma' Triq Miġel il-Baħar u fin-nuqqas illi l-intimat jeżeġwixxi tali xogħolijiet, l-atturi jitolbu l-awtorizazzjoni sabiex jeżegwixxu x-xogħolijiet huma stess a spejjeż tal-intimat.

Id-Direttur intimat laqa' billi in primis eċċepixxa li huwa mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi. Saħaq ukoll fuq il-prova tat-titolu vantat mill-atturi fuq il-porzjon art mertu tal-vertenza u sussegwentment ressaq eċċezzjonijiet fil-mertu sabiex jattakka u jxejjen it-talbiet attriċi.

**L-Eċċezzjoni Preliminari**

**Leġittimu Kuntradittur**

L-eċċezzjoni kif dedotta hija mpernjata fuq il-fatt illi dik il-parti ta' Triq is-Salini mertu ta' din il-vertenza, kellha tiġi miftuħa u ffurmata mill-iżviluppatur illi żviluppa l-proprjeta` tiegħu li taffaċċja fuq din it-Triq u/jew minn min ħa l-briga li jifforma t-triq oriġinarjament. Sussegwentment il-Gvern jintervjeni sabiex jgħaddi s-servizzi u jagħti l-asfalt lit-triq u b'avviż legali jagħmel dik it-triq waħda pubblika.

Fil-każ ta' llum jirriżulta li l-pjan regolatur għaż-żona kkonċernata kien tali li Triq is-Salini kellha tingħaqad ma' Triq Miġel il-Baħar. Dan huwa evidenti kemm mill-pjanta li tixhed l-iskema ta' ppjanar kif oriġinarjament imfassla kif ukoll miċ-ċanfira ossia mil-liwja li ġiet iffurmata f'dik il-parti fejn iż-żewġ toroq imsemmija jgħaqdu.

Il-kwistjoni kollha ddur madwar min għandu l-obbligu illi jifforma u jwitti dik il-parti tat-triq illi sa llum għada tinsab imħarbta.

Il-Perit Raymond Agius li ilu nkarigat mill-proġetti tal-atturi sa mis-snin tmeninjiet, xehed illi Triq is-Salini tappartjeni in kwantu għal nofs lill-attur u in kwantu għan-nofs l-iehor lil Tumas Group. Jgħid ukoll illi "*is-Sur Galea kien l-ewwel wiehed allura witta, l-ewwel li ried iwitti hu, qed tifhem? Minn Sain Mary Street all the way up għax il-proprjeta` tiegħu qiegħda 'l gewwa hafna*". Mix-xhieda tal-attur jirriżulta illi Tumas Group żviluppa l-proprjeta` tiegħu madwar għoxrin sena ilu mentri l-proprjeta` tal-attur mhix żviluppabli billi din tinsab fi żona ODZ. Jirriżulta wkoll illi fl-istess żona hemm proprjeta` li tappartjnei lill-familja Bigeni. F'dan ir-rigward il-Perit Raymond Agius xehed illi "*ta' Bigeni, hemmhekk għadha mhix zviluppata ta' Bigeni. Iva, hemm bicca ohra tal-Bigenis quddiemhom hi ta' Bigeni dik.*" Dik ix-xhieda tinsab ukoll riflessa fil-pjanta li fil-proċess tinsab immarkata bhala 'Dok' RA9 a fol 142 fejn il-Perit Agius qiegħed jindika liema parti tal-proprjetajiet tappartjeni lil sidien differenti inkluż ukoll lill-familja Bigeni.

Il-Perit Agius xehed ukoll illi kull min jagħmel żvilupp huwa fl-obbligu li jwitti dik il-parti tat-triq li fuqha taffaċċja l-proprjeta` tiegħu. Dan isib konferma fix-xhieda ta' Nicholas Baldacchino li jgħid hekk:
"*Inti meta tingħata permess wkoll mill-Planning biex tibni, wahda mill-punti krucjali li jkollok f'dak il-permess huwa li inti trid tifforma t-triq. Meta ahna ngħidu skont il-ligi illi tifforma triq, it-triq trid tigi iffurmata bil-wisa' kollha tagħha u tigi mwittiha skont il-livelli tal-Planning stess. Jigifieri inti meta tkun ser tibni, il-Planning jagħtuk il-livelli, u trid twitti t-triq qabel ma tibda tibni.*

…

*Kull min għandu l-parti stradali ta' quddiemu, iva irid jibni t-triq hu.*

…

*Il-ligi u l-permess wkoll hekk ikun jgħid, jigifieri inti trid tifforma triq l-ewwel qabel ma tibda tibni.*

…

*… Imma it-triq dejjem tigi ffurmata minn min jibni, il-ligi hija cara, minn min jibni u minn min għandu art adjacenti. Jigifieri jekk hemm artijiet vojta, wkoll għandhom l-obbligu li jiffurmaw it-triq, qegħda fil-ligi cara li wkoll li tgħidlek li huwa responsabbli tat-triq, jigifieri min għandu artijiet adjacenti huwa responsabbli ta' dik it-triq wkoll."*[9]

Mistoqsi jekk dan l-obbligu huwiex tassitattiv unikament f'dawk il-każijiet fejn isir żvilupp, Nicholas Baldacchino xehed illi "*Le. Anke jekk ma jizviluppax.*"[10] Ikompli jispjega illi sakemm ma jingħata l-asfalt it-triq tkun għada waħda privata u għalhekk il-manutenzjoni u responsabilita` ta' dik it-triq tkun f'idejn il-proprjetarju tagħha.

Ikompli jwiegeb hekk:

"*Il-Qorti:*
*Din it-triq għandek naha għelieqi u naha bini, jien milli nista' nifhem, is-Sur Galea, il-parti ta' l-għelieqi għandu, x'jigri f'dawn il-kazijiet meta inti għandek bicca bini u bicca għelieqi, illi dawn effettivament ma talbu l-ebda permess, ma għamlu l-ebda permess, imma għandhom bzonn jaccedu għall-għelieqi tagħhom, x'se jigri?*

*Ix-xhud:*
*Jekk inti kellek il-persuna tal-faccata li suppost iffurmaw it-triq kif suppost –*

*Il-Qorti:*
*Imm l-obbligu mhux sa nofs it-triq qiegħed?*

*Ix-xhud:*
*Le it-triq kollha. Imkien fil-ligi ma jgħidlek nofs it-triq. Il-ligi tgħidlek li jrid jibni triq, jigifieri it-triq kollha minn tarf sa tarf.*

---

[9] A fol. 3 tal-process.
[10] A fol. 4 tal-process.

…

*Il-Qorti:*
*Imma f'dan il-kaz partikolari, naha hemm il-binjiet, u naha hemm l-għelieqi, u dead end.*

*Ix-xhud:*
*Kif inhi l-ligi tgħidlek li galadarba hemm schemed road, it-triq hija schemed, u fil-mument tista' tgħid li bdiet tifforma bhala triq, allura qed juzawha in-nies, iridu jiehdu hsiebha kemm min għandu l-għelieqi u kemm min naha l-ohra, għax hu jgħidlek, kull art, anke fejn hemm art vojta, irid jiehu hsieb li jara li t-triq hija fi stat li la jwegga' hadd, la karozza ma jigrilha hsara, il-ligi kif inhi hekk tgħidlek, anke jekk tmiss magħha biss, trid tiehu hsieb li t-triq tkun kif suppost. Issa jekk is-sinjur l-iehor tal-faccata ma għamilx it-triq, fis-sens ifittxu lilu, jiehdu passi huma."*[11]

Il-Perit David Agius ukoll ikkonferma l-obbligu tal-iżviluppatur illi "*mal-mument li se tibda tibni inti għandek l-obbligu li tixtri, tiftah u tifforma t-triq ta' quddiemek u jekk ma tinfidx tniffidha ma' triq li tezisti.*" Żied jgħid illi mhix prassi għall-Gvern li jifforma t-toroq hu f'isem l-iżviluppatur li għandu l-proprjeta` taffaċċa fuq it-triq. Jgħid illi din mhix sitwazzjoni prattika għaliex li kellu jagħmel dan il-Gvern jispiċċa f'sitwazzjoni fejn ikollu jiftaħ diversi kawżi sabiex jirkupra lura l-ispejjeż tal-formazzjoni tat-triq. Jgħid ukoll illi huwa rari ħafna għall-gvern illi jagħmel it-toroq minflok l-iżviluppatur u li dan isir biss f'dawk il-każijiet li jkunu fl-interess pubbliku u jkun hemm ċertu urġenza.

Fil-kawża fl-ismijiet **Francesco Galea et vs Awtorita għat-Trasport f`Malta** deċiza mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-15 ta` Lulju 2014 saru dawn l-osservazzjonijiet :-

*"It-toroq in kwistjoni saru qabel dahal fis-sehh l-Avviz Legali numru 29 tal-2010 (New Roads and Road Works Regulations), fi zmien meta kien japplika l-Artikolu 20 tal- Kodici tal-Pulizija (Kap. 10). Din il-qorti fis-sentenza **Perit Ian Zammit vs Awtorita dwar it-Trasport ta` Malta**, 3 ta` Ottubru 2013, kienet osservat :-*

[11] A fol. 169 u 170 tal-process.

*i)	Fejn it-triq tkun infethet mill-privat, il-privat għandu d-dmir li jagħmel il-manutenzjoni;*

*ii)	It-triq tibqa` meqjusa li hi proprjeta tal-privat ("Is- sidien ta` kull proprjeta` li tmiss direttament ma` triq li ma tkunx proprjeta` tal-Gvern jew il-persuni li jkollhom din il-proprjeta` b`enfitewsi jitqiesu, għall-fini ta` dan l-artikolu, li huma l-persuni li fethu din it-triq u li huma s-sidien tagħha");*

*iii)	It-toroq li m`humiex tal-Gvern, malli jsir l-asfaltar tagħhom kellhom jigu trasferiti lill-Gvern. Il-ligi ma kenitx tikkontempla hlas ta` kumpens. Anzi l-ispejjez relatati mat-trasferiment kienu a karigu tas-sid."*

Fil-każ ta' llum jirriżulta illi l-attur ifforma t-triq sal-parti fejn tinsab il-proprjeta' tiegħu. Il-Qorti m'għandiex dubju illi l-atturi għamlu dan għall-utilita` tagħhom stess sabiex jaċċedu għall-proprjeta` tagħhom. Għalkemm sar dan, it-triq baqgħet waħda privata li l-proprjeta` tagħha hija maqsuma bejn l-atturi, Tumas Group u l-familja Bigeni.

Issir referenza għall-kawza fl-ismijiet **Emidio Azzopardi et vs Salvu Ellis et** deciza fit-8 ta' Mejju 2009 minn din il-Qorti kif dakinhar presjeduta. Ingħad hekk:

*"Għalkemm mill-provi rrizulta li dawn it-toroq huma schemed roads, ma tressqux provi li saret il-procedura kontemplata fil-Kodici tal-Pulizija sabiex isiru proprjeta` tal-Gvern. (Qabel l-emendi li saru bl-Att XXIII tal-2000 kien hemm htiega li jsir att ta` trasferiment favur il-Gvern, biex it-triq issir tal-Gvern.) Għalhekk m`hemmx dubju li dawn it-toroq m`humiex tal-Gvern……Hekk ukoll m`huwiex rilevanti l-fatt li f`permessi tal-bini li ngħataw il-konvenuti, kienet inkluza kundizzjoni li jridu jiffurmaw triq. It-triq xorta tibqa` tal-privat. ("Il permesso che il Governo concede a privati di aprire nelle loro terre nuove strade ed il controllo che esso esercita secondo la Leggi di Polizia nei lavori di costruzione di nuove strade aperte da privati non basta per trasferire la proprieta` delle strade cosi aperte al Governo, come non vi basta l`accesso del pubblico da solo. Non si prova che la detta strada, oggi chiamata Strada Magri aperta da Giuseppe Spiteri sopra suolo gia` di sua proprieta`, sia stata trasferita al Governo, ne` puo` oggi essere trasferita al demanio se non consentedovi il Governo." (**Annunziata Farrugia proprio et nomine vs Grazia Desira proprio et nomine et** deciza fit-2 ta` Mejju 1923 – Vol.*

*XXV.i.451). Hekk ukoll fil-kawza* ***Nazzareno Sammut vs I.C.a. Carmelo Micallef nomine*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell fil-21 ta` Marzu 1958 (Vol. XLII.i.135): "Jekk it-triq hija privata, ma jistax jingħad li saret pubblika għax tkun ilha għal zmien twil miftuha għall-uzu pubbliku, jew għax il-Gvern ikun għamel fiha xi tiswijiet jew xi xogħolijiet ohra, bhal ma huwa drenagg."*

Fil-każ tal-lum jirriżulta illi ma saret ebda talba għall-esproprjazzjoni u għalhekk it-triq għada privata. Taht l-Artikolu 3(1) tal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, Kap 588 tal-Liġijiet ta' Malta "*triq privata*" *tfisser kwalunkwe mogħdija fuq l-art, ikun xi jkun l-isem li bih tissejjaħ, li mhix proprjetà tal-Gvern*". L-Artikolu 21 tal-leġislazzjoni sussidjarja 499.57 dwar Toroq Ġodda u Xogħolijiet f'Toroq jistabbilixxi li "*Kull triq privata għandha tinżamm, mill-persuna li tkun fetħitha, fi stat tajjeb ta' tiswija b'mod li jissodisfa lill-Aġenzija*." L-Artikolu 22 jipprovdi illi l-persuni li fetħu t-triq huma dawk li huma s-sidien tagħha u sidien "*ta' kull proprjetà li tmiss direttament ma' triq privata jew il-persuni li jkollhom dik il-proprjetà b'enfitewsi*".

L-attur iressaq l-argument illi l-Gvern għandu s-seta jintervjeni sabiex jagħmel dawk ix-xogħolijiet li jkunu meħtieġa f'toroq privati. A tenur ta' l-artikolu 19 tal-leġislazzjoni sussidjarja 499.57 "*L-Aġenzija tista', f'kull żmien, tagħmel jew tara li ssir jew tippermetti li ssir f'kull jew taħt kull triq privata, kull xorta ta' xogħol illi jkun jidhrilha meħtieġ jew utli fl-interess pubbliku.*" Dan ifisser illi waqt li l-Gvern m'għandu ebda obbligu li jindaħal sabiex jeżegwixxi xogħolijiet ta' ffurmar u tlestija tat-triq privata, il-Gvern għandu l-prerogattiva illi jagħżel li jintervjeni sabiex jifforma u jlesti triq privata a spejjeż tal-iżviluppatur. Madanakollu, din hija l-eċċezzjoni u mhux ir-regola u dan peress illi l-Gvern jieħu r-riedni f'idejh f'każijiet biss fejn l-interess pubbliku hekk jinneċessita[12]. Hekk ikun il-każ fejn jirriżulta xi periklu jew fejn l-aċċess għar-residenti jkun totalment imblukkat u jkun hemm urġenza li jsir intervent, altrimenti, fejn m'hemmx din il-ħtieġa il-Gvern jintervjeni biss fl-istadju finali meta jkun sejjer isir l-asfaltar.

La darba ma hemmx każ li jinkwadra bħala wieħed ta' nteress pubbliku u diment li t-triq għada waħda privata, jinkombi fuq is-sidien tal-art u tal-proprjetajiet li jiffaċċjaw fuqha illi jieħdu ħsieb jiffurmaw u jwittu t-triq. F'dan il-każ għalhekk l-attur jista' biss jieħu azzjoni kontra s-sidien li l-

[12] Ara **Nicholas Cutajar et vs Kummissarju tal-Artijiet et**, Qorti Civili, Prim'Awla, 24 ta' Settembru 2019

proprjeta` tagħhom taffaċċa fuq it-triq u b'hekk jew jipproċedi sabiex iġiegħlhom jeżegwixxu x-xogħolijiet meħtieġa sal-livell tat-twittija tat-triq alternattivament jista' jeżegwixxi x-xogħol hu b'riżerva tad-dritt li jieħu passi fil-konfront ta' dawk is-sidien għal-ispejjeż li jkun għamel.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi l-intimat mhuwiex il-leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi.

Konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri mill-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

**Decide.**

Għall-motivi u raġunijiet ġia espressi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari u tiddikjara illi l-intimat Mark Formosa fil-kapaċita` tiegħu ta' Direttur tad-Direttorat għall-Progetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u għaldaqstant tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

Tordna lill-atturi jħallsu l-ispejjes kollha relatati ma' din id-deċiżjoni.

(ft.)Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur